MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Numru 772/2003

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Anthony Formston**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Formston ta’ 35 sena, iben Anthony u Carmen nee’ Fenech, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Novembru 1967, residenti 177, Flat 13, St. Christopher Street, Valletta. Detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 476667M gie akkuzat:

Talli fil-25 ta’ Awwissu 2003, u f’ dati precedenti, fil-Belt Valletta, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-

ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka, sinjali jew emblema imxebbhin b’ qerq. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollu persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 298 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bi qliegh jew skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b’ licenza, jew bhala parti minn attivita’ koperta b’ tali licenza, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta. Dan bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992.

B’ hekk sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta u datata 22.7.2003.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok EMC 1 u nnutat li l-imputat Anthony Formston m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edel Mary Camilleri u Dr. Roberto Montalto ghall-imputat iddikjaraw illi qeghdin jaqblu li l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda r-recidiva ma tirrizultax. Ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija l-ahhar akkuza rigward ir-recidiva.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi in kwantu ghall-oggetti li jirrigwardaw dan il-kaz, huma numerikament f' numru minimu u li hi konsapevoli li l-imputat m' ghadux izjed f' dan il-generu ta' xoghol.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 298(1) u 298B tal-Kap. 9 u ir-Regolament 2 tal-A.L. 120 ta' l-1992.

Isib lill-imputat Anthony Formston, fuq ammissjoni, hati ta' l-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi inkwantu ghall-oggetti li jirrigwardaw dan il-kaz, huma numerikament minimu u li hi konsapevoli li l-imputat m' ghadux izjed f' dan il-generu ta' xoghol, tillibera lill-istess imputat Anthony Formston taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Anthony Formston li tirrigwarda r-recidiva fid-dawl ta' dak

dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edel Mary Camilleri u Dr Roberto Montalto ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza u t-talba tal-Ufficjal Prosekutur li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija l-ahhar akkuza rigward ir-recidiva (ara aktar qabel f' din is-sentenza), il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija l-ahhar akkuza li tirrigwarda r-recidiva.

Inoltre, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok. EMC 6.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Formston l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------